

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.2.2009
KUMM(2009) 84 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

**L-ISTRATEĠIJA TAL-UE TA' SOSTENN GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJU TA'
DIŻASTRI FIL-PAJJIŻI FIL-FAŻI TA' ŻVILUPP**

{SEG(2009) 217}

{SEG(2009) 218}

{SEG(2009) 220}

1. INTRODUZZJONI

Id-diżastri jdgħajfu l-iżvilupp u jipperikolaw it-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs). L-evidenza ilha turi li r-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċju tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri (DRR) hija waħda b'saħħitha. L-Istrateġija Internazzjonali għat-Tnaqqis tad-Diżastri tan-NU (ISDR) tiddefinixxi d-DRR bħala: "Azzjonijiet li jittieħdu biex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti avversi tal-perikli naturali, permezz ta' sforzi sistematiċi għall-analiżi u l-ġestjoni tal-kawżi ta' diżastri, inkluż billi jiġu evitati perikli, anqas vulnerabbiltà soċjali u ekonomika għall-perikli, u aktar tħejjija għal eventawalitajiet avversi".

L-UE hija l-akbar donatur ta' għajjnuna fid-dinja, iżda jonqosha qafas strateġiku li jiggwida s-sostenn ta' DRR tagħha lil pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Din il-Komunikazzjoni tipproponi strateġija tal-UE ta' sostenn għad-DRR fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp kemm permezz ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp kif ukoll ta' għajjnuna umanitarja, biex tingħata għajjnuna għas-sostenn tal-Qafas għal Azzjoni¹ ta' Hyogo tal-2005 u jittwettqu l-MDGs.

Din l-Istrateġija hija msejsa fuq l-Artikolu 180 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u ssawwar nofs il-pakkett li jkopri aspetti ta' DRR kemm fl-UE² kif ukoll lil hinn minnha, filwaqt li tindirizza wkoll ir-rabtiet bejn iż-żewġ dimensjonijiet. Hija tikkumplementa u ssostni l-inizjattivi eżistenti tal-UE dwar it-tibdil fil-klima.

2. IL-MOTIVAZZJONI

2.1. Id-diżastri qegħdin jiżdiedu – l-aktar li jintlaqtu huma l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp

F'dawn l-aħħar 30 sena d-diżastri zdieđu kemm fil-frekwenza kif ukoll fl-intensità tagħhom. L-għadd totali ta' każi rappurtati zdieđu minn 73 fl-1975 għal madwar 440 fl-2007. In-numru ta' diżastri klimatiċi kważi ttripla, minn 1280 bejn l-1978 u l-1987 għal 3435 bejn -1998 u l-2007.³

L-aktar pajjiżi li jintlaqtu ħażin huma daww fil-fażi ta' żvilupp, billi dawn huma l-aktar pajjiżi vulnerabbli u għandhom l-anqas kapaċità li jindirizzawhom. Pereżempju, it-terremot ta' forza 6.6 li laqat lill-Iran fl-2003 ħalla aktar minn 40 000 ruħ mejta. B'kuntrast ma' dan, it-terremot ta' forza 6.5 li seħħ fil-Kalifornja ċentrali erbat ijiem qabel, ħalla żewġ persuni mejta u 40 ruħ midruba⁴. Barra minn hekk id-diżastri jwasslu biex parti sostanzjali mir-riżorsi nazzjonali, minflok ma jiġu allokati għall-iżvilupp, jintużaw għall-għajjnuna, l-irkupru u r-riskostruzzjoni, u b'hekk il-fqar jibqgħu mingħajr ir-riżorsi meħtieġa biex joħorġu mill-faqar. F'Aceh, fl-Indoneżja, huwa stmat li t-tsunami tal-2004 żied il-proporzjon ta' persuni li jgħixu fi stat ta' faqar minn 30% għal 50%⁵.

¹ Adottat fil-Konferenza Dinjija dwar it-Tnaqqis tad-Diżastri.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem (COM(2008)xx).

³ Iċ-Ċentru tal-Kollaborazzjoni għar-Riċerka dwar l-Epidemjoloġija tad-Diżastri.

⁴ DFID (2006): It-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

⁵ Idem.

Barra minn hekk, id-dipendenza fuq annimali u pjanti (uċuh tar-raba') f'saħħithom hija għolja ħafna fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, u għalhekk diżastri kkawżati minn perikli bijoloġiċi jista' jkollhom impatti negattivi fuq is-sigurtà tal-ikel u sussegwentement iwasslu għal diżastri ġodda. Fir-rigward tal-perikli bijoloġiċi, ta' min iżomm quddiem għajnejh li jekk il-mard u l-pesti li jfaqqgħu ma jiġux indirizzati b'mod xieraq, dawn jistgħu jsiru endemiċi u b'hekk iħallu impatt sostanzjali fuq l-istatus "ekonomiku" tal-pajjiż jew reġjun, u jispiċċaw jaffettwaw ukoll il-prospettivi intermedji u fit-tul.

Il-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) skopra li xi eventwalitajiet ta' temp estrem inbidlu f'dik li hi frekwenza u/jew intensità⁶. Huwa possibbli li dan it-tibdil diġà qiegħed jikkontribwixxi għall-għadd u l-intensità dejjem jiżdiedu tad-diżastri, u b'hekk tikber, u ssir aktar immedjata l-ħtieġa għal DRR aktar effettiv.

2.2. L-investment fid-DRR jagħti l-frott

Id-diżastri jistgħu jiġu evitati. Jeżistu modi kif jitnaqqsu r-riskji u jiġu limitati l-impatti, pereżempju billi jiġu indirizzati l-kawżi primarji tal-vulnerabbiltà tal-persuni u tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jiffaċċjawhom. Id-DRR jinkludi t-tnejn, il-mitigazzjoni u l-prevenzjoni. Għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità ta' rkupru u huwa bbażat fuq l-għarfien dwar il-ġestjoni tar-riskju, il-bini tal-kapaċità, u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tal-istrumenti ta' osservazzjoni tad-dinja.

Stejjer ta' suċċess tad-DRR

L-Uragan Michelle tal-2001, li kien jaqa' taħt ir-raba' kategorija, kien l-aktar uragan b'saħħtu li laqat lil Kuba f'50 sena. Bis-saħħa tas-sistema effettiva ta' twissija bikrija u tal-pjan ta' tħejjija għall-uragan ta' Kuba, ġew evakwati 700 000 ruħ, li minnhom 270 000 ingħataw akkomodazzjoni temporanja u ħtiġiet bażiċi għal perjodu itwal. Madwar 777 000 annimal intbagħtu f'żoni aktar sikuri. L-uragan ħalla impatt negattiv ħafna fuq l-ekonomija, iżda ġew irrappurtati biss ħamest imwiet u 12 midruba.⁷

Fl-1998 il-kosta tal-Majjistral tal-Papwa-Ginea Ġdida ntlaqtet minn tsunami li ħalla 2 200 ruħ mejta. Grazzi għall-isforzi ta' DRR taċ-Ċentru Asjatiku għat-Tnaqqis tad-Diżastri fis-segwitu ta' dan id-diżastru, tsunami li seħħ fis-sena 2000 qered eluf ta' djar iżda ma kkawża l-ebda mewt.⁸

DRR effettiv jista' jnaqqas l-imwiet u l-qerda ta' proprjetà. Studji juru li jistgħu jinkisbu benefiċċji, f'termini ta' prevenzjoni jew tnaqqis tal-impatti ta' diżastri, li jammontaw għal bejn żewġ dollari u erba' dollari għal kull dollaru investit fid-DRR⁹.

2.3. Sforzi internazzjonali ta' DRR

F'dawn l-aħħar snin, l-enfasi m'għadhiex fuq ir-reazzjoni għad-diżastri iżda fuq l-implimentazzjoni komprensiva ta' approċċi ta' DRR. Fl-2005, 168 gvern adottaw il-Qafas ta' Azzjoni ta' Hyogo 2005-2015: *Il-Bini tal-kapaċità ta' rkupru għad-diżastri ta' pajjiżi u komunitajiet* u l-Kummissjoni¹⁰ tappoġġja bis-siħħ l-implimentazzjoni tiegħu. Issa l-isfida hija li dan ikun tradott f'azzjoni effettiva fil-livell globali, reġjonali, nazzjonali u lokali. Bosta

⁶ IPCC (2007): Ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni.

⁷ ISDR (2004): L-Għajxien mar-Riskju: Analiżi globali ta' inizjattivi tat-tnaqqis ta' diżastri.

⁸ ADRC (2001).

⁹ DFID (2006): It-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

¹⁰ Il-gvernijiet biss setgħu jadottaw il-Qafas ta' Hyogo, li hija raġuni għaliex il-Kummissjoni m'adottatux formalment.

pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp qegħdin jimpenjaw ruħhom b'mod konsiderevoli għall-implimentazzjoni, iżda jżommuhom lura n-nuqqas ta' fondi u ta' kapaċità.¹¹ It-Tieni Pjattaforma Globali għad-DRR, li saret f' Ġunju tal-2009, għandha l-għan li żżomm il-momentum u tivvaluta l-progress li sar. Is-sensibilizzazzjoni internazzjonali li kull ma jmur dejjem qed tiżdied hija evidenti minn inizjattivi bħall-Faċilità Globali għat-Tnaqqis tad-Diżastri u l-Irkupru (Global Facility for Disaster Reduction and Recovery – GFDRR) tal-Bank Dinji.

In-negozjati taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), partikolarment il-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali adottat fl-2007, identifkaw ukoll id-DRR bħala mezz ta' adattament għat-tibdil fil-klima sabiex jitnaqqas l-impatt, u bħala żieda għal sforzi fit-tul biex jittaffa t-tibdil fil-klima¹².

2.4. Ir-raġunijiet għal azzjoni tal-UE dwar id-DRR

Kemm il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-2005 kif ukoll il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-2007 jikkommettu lill-UE biex tagħti l-appoġġ tagħha għall-politika u l-azzjoni dwar id-DRR. Il-konklużjonijiet tal-2008 tal-Kunsill dwar it-tiżiħ tal-kapaċità ta' reazzjoni għad-diżastri tal-Unjoni stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal strateġija Ewropea dwar id-DRR f'pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Barra minn hekk il-Parlament Ewropew aktar minn darba tkellem favur politika aktar b'saħħitha tad-DRR u aktar mezzi finanzjarji.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni huma kostanti fl-appoġġ tagħhom favur sforzi ta' DRR fir-reġjuni kollha tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp u jeżistu eżempji tajbin ta' koordinazzjoni tal-UE, pereżempju fil-Bangladexx fejn il-Programm Komprensiv ta' Ġestjoni tad-Diżastri għall-perjodu bejn l-2010 u l-2014 se jkun appoġġjat kemm mill-KE kif ukoll mid-DFID. Madankollu, minkejja dan, l-azzjoni attwali tal-UE mhijiex strateġika għar-raġuni li ġeneralment issegwi approċċ ta' proġett/programm ad hoc u ħafna drabi la tkun koordinata u lanqas suffiċjenti. Pereżempju, f'10 snin ta' interventi ta' tħejjija għal diżastri, speċjalment permezz tal-programmi DIPECHO f'sitt żoni madwar id-dinja fejn tendenzjalment iseħħu diżastri, il-Kummissjoni hija konxja mill-fatt li l-għadd ta' eżempji ta' kooperazzjoni formali ma' Stati Membri huwa żgħir ħafna. Jidher li l-effikaċja tal-azzjoni tal-UE hija mfixkla minn diversi fatturi:

- *In-nuqqas ta' oqfsa ta' politika u oqfsa strateġiċi dwar id-DRR.* Filwaqt li l-Qafas ta' Hyogo jipprovdi gwida armonizzata ta' DRR, għadu ma jistax jintuża għal skopijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Pereżempju, il-kuntest reġjonali bilkemm jissema minkejja l-vantaġġ kumparattiv u l-ekonomija ta' skala li jistgħu jinkisbu mill-azzjoni reġjonali. S'issa kienu biss ir-Renju Unit u l-Iżvezja (SIDA) li żviluppaw politika/strateġija speċifika ta' DRR iżda l-Istati Membri l-oħra qegħdin jippjanaw li jagħmlu dan. Fil-fatt, bħalissa xi 10 Stati Membri u l-Kummissjoni qegħdin iżidu l-intensità tas-sostenn individwali tagħhom għad-DRR. M'hemm l-ebda dubju li jekk ma jkun hemm l-ebda strateġija tal-UE li sservi ta' gwida għal dawn l-isforzi, dan se jwassal għal aktar frammentazzjoni u/jew duplikazzjoni

¹¹ ISDR: Analiżi Globali 2007.

¹² UNFCCC (2007), il-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali (id-Deċiżjoni 1/CP.13).

- *In-nuqqas ta' leħen wieħed.* Bħalissa l-UE ma titkellimx b'leħen wieħed dwar id-DRR minkejja li l-mod kif taħsibha dwaru qiegħed jikkonverġi b'mod ċar. Jeħtieġ li l-DRR ikun parti mid-djalogu politiku bejn l-UE u l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, u dan iħalli l-akbar effett jekk il-messaġġ tal-UE jkun konsistenti u koordinat. Pereżempju, fl-2007 ħareġ biċ-ċar in-nuqqas ta' preżenza distinta u koordinata tal-UE fl-Ewwel Pjattaforma Globali dwar it-Tnaqqis tad-Diżastru. Il-UNFCCC huwa forum ieħor fejn pożizzjoni koordinata tal-UE dwar id-DRR u t-tibdil fil-klima tkun ta' għajnuna.
- *Progress limitat dwar l-integrazzjoni tad-DRR.* Billi d-diżastri huma ta' risku għall-iżvilupp, jeħtieġ li d-DRR ikun integrat aħjar fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. Bħalissa għaddejnin sforzi bħal dawn f'diversi Stati Membri u l-Kummissjoni iżda s'issa l-progress li sar kien inkostanti u limitat u jeħtieġ li jittejjeb¹³.
- *Mhix issir biżżejjed il-konnessjoni bejn id-DRR u t-tibdil fil-klima.* Id-DRR huwa fattur essenzjali biex l-adattament għat-tibdil fil-klima jkun ta' suċċess u jeħtieġ li d-DRR iqis dejjem aktar kif jinbidel ir-riskju assoċjat mat-tibdil fil-klima. Madankollu, fil-prattika, il-benefiċċji u s-sinerġiji ta' rabta bejn id-DRR u l-adattament mhumiex identifikati b'mod sistematiku u lanqas ma ttieħed vantaġġ minnhom.

Dan ta' hawn fuq jimplika li strateġija tal-UE għas-sostenn tad-DRR fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp tagħti d-direzzjoni strateġika li bħalissa l-UE m'għandhiex, filwaqt li fl-istess ħin tgħaqqad l-isforzi kollha tal-UE fl-ambitu tad-DRR, biex b'hekk il-benefiċċji u s-sinerġiji jkunu jistgħu jintużaw b'mod aktar koerenti u koordinat, fosthom dawk relatati mal-koerenza tal-politika, l-evitar ta' xogħol doppju, l-effettività tal-ispejjeż, l-effiċjenza u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

3. LEJN STRATEĠIJA TAL-UE GħAS-SOSTENN TAD-DRR FIL-PAJJIŻI FIL-FAŻI TA' ŻVILUPP

L-istrateġija proposta tibni fuq ħidma strateġika li saret mill-Kummissjoni Ewropea¹⁴ u mill-Istati Membri tal-UE, u fuq l-esperjenza ta' DRR li nkisbet mir-reġjuni kollha tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Filwaqt li l-oqsma prijoritarji ta' intervent ta' hawn taħt huma konformi bis-siħ mal-prijoritajiet tal-Qafas ta' Hyogo, l-għan globali tal-istrateġija, l-għanijiet strateġiċi u l-prijoritajiet ta' implimentazzjoni jirreflettu b'mod speċifiku l-kuntest tal-partenarjat u kooperazzjoni eżistenti bejn l-UE u l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, inkluż fil-livell reġjonali.

¹³ Tearfund (2007): Il-progress tad-donatur istituzzjonali fl-integrazzjoni tad-DRR.

¹⁴ Il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-kapaċità ta' reazzjoni għad-diżastri tal-Unjoni (COM(2008)130); Il-bini ta' Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi f'qar li qed jiżviluppaw li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima (COM(2007)540) It-Tisħiħ tar-reazzjoni tal-UE għal diżastri u kriżijiet fpajjiżi terzi (COM(2005)153), id-dokument konġunt tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni dwar il-Klima u s-sigurtà internazzjonali (S113/08) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar it-Tħejjija u l-Prevenzjoni għad-Diżastri (2003).

3.1. L-għanijiet

L-għan globali huwa li, **permezz ta' livelli ogħla ta' DRR, jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar billi jitnaqqas il-piż tad-diżastri fuq l-aktar pajjiżi u gruppi ta' popolazzjonijiet fqar u vulnerabbli.**

Biex jinkiseb dan l-għan globali, l-UE se tagħti sostenn għall-għanijiet strateġiċi li ġejjin:

- (1) toffri sostenn lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp biex dawn jintegraw b'mod effettiv kunsiderazzjonijiet ta' DRR fil-politiki ta' żvilupp u fl-ippjanar tagħhom;
- (2) toffri sostenn lil pajjiżi u soċjetajiet fil-fażi ta' żvilupp għat-tnaqqis aktar effettiv tar-riskju ta' diżastri, permezz ta' azzjoni mmirata għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-tħejjija għad-diżastri;
- (3) kunsiderazzjonijiet ta' DRR jiġu integrati b'mod aktar effettiv fil-politiki u l-ipprogrammar b'rabta mal-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja tal-UE, u reazzjoni għall-kriżijiet fejn tkopri r-reazzjoni għad-diżastri u l-irkupru.

3.2. L-ambitu ġeografiku, l-għan u l-approċċ

Il-pajjiżi kollha fil-fażi ta' żvilupp¹⁵ u l-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (OCTs) huma koperti mill-istrateġija, iżda se tingħata attenzjoni partikolari għal reġjuni fejn tendenzjalment iseħħu diżastri, għal pajjiżi u lokalitajiet anqas żviluppanti u vulnerabbli ħafna, u l-aktar gruppi vulnerabbli¹⁶. Il-kollaborazzjoni dwar id-DRR mal-aktar reġjuni mbiegħda wkoll se tiġi msaħħa.

Id-diżastri fil-mira tal-istrateġija huma dawk ikkawżati minn perikli naturali¹⁷ u teknoloġiċi. Madankollu, perikli differenti jistgħu jinteraġixxu, u din l-interazzjoni twassal għal effett ta' domino – pereżempju, d-degradazzjoni ambjentali li żżid l-impatt tal-għargħar, li jikkawża epidemiji. Għalhekk għandu jiġi adottat approċċ li jolqot aktar minn periklu wieħed, billi dan jista' jwassal ukoll għal reżistenza għal tipi oħrajn ta' diżastri. Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-fatt li d-diżastri jistgħu jħarrxu t-tensjonijiet u l-instabbiltà eżistenti, l-istrateġija mhix se tindirizza diżastri kkawżati mill-bniedem bħall-kunflitti u l-gwerer¹⁸. Se jiġu kkunsidarti kemm diżastri li jiżviluppaw bil-mod kif ukoll dawk li jaslu għal għarrieda; diżastri fuq skala kbira kif ukoll diżastri lokalizzati iżda li jseħħu frekwentement bħaż-żerżiq ta' materjal minn fuq l-għoljiet (landslides), għargħar għal għarrieda, nirien, tempesti, mard tal-bniedem u tal-annimali u pesti tal-pjanti, filwaqt li jingħaraf il-fatt li dawn jistgħu jirrekjedu aproċċi differenti.

L-istrateġija tlaqqa' sostenn għall-integrazzjoni tad-DRR fl-azzjoni esterna tal-UE u fl-istrateġiji ta' pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, u azzjoni tad-DRR b'miri speċifiċi li tista' tintuża biex tikkumplimenta l-isforzi ta' integrazzjoni b'impatt immedjat qawwi. L-eżempji jinkludu investiment kruċjali ta' DRR b'potenzjal tajjeb ta' replika, bħal programmi speċifiċi ta' DRR jew sistemi reġjonali ta' twissija bikrija. Id-dimensjoni reġjonali hija kruċjali billi d-diżastri

¹⁵ Lista tal-OECD/DAC ta' reċipjenti tal-ODA.

¹⁶ Dawn se jkunu identifikati ulterjorment permezz ta' analiżi tar-riskju fil-livelli relevanti u d-dgħufijiet u l-ħtiġiet speċifiċi li jirriżultaw.

¹⁷ Bijoloġiċi, ġeofiżiċi jew idro-meteoroloġiċi.

¹⁸ F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-konnessjoni bejn id-DRR u l-isforzi ta' prevenzjoni u reazzjoni għad-diżastri se tkun waħda importanti.

ma jiqfux mal-fruntieri. L-UE se tuża l-preżenza u l-esperjenza tagħha fil-livell reġjonali favur azzjoni li tittieħed b'mod aktar effettiv fil-livell reġjonali f'konformità mal-prinċipji ta' vantaġġ kumparattiv u s-sussidjarjetà.

4. OQSMA PRIJORITARJI GĦAL INTERVENT

4.1. Ikun żgurat li d-DRR huwa prijorità nazzjonali u lokali b'bażi istituzzjonali b'saħħitha għall-implimentazzjoni

L-impenn politiku huwa ferm importanti biex kwistjonijiet ta' DRR jitressqu 'l quddiem fil-livelli kollha. L-UE se tagħti s-sostenn lil pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp li jkunu minn ta' quddiem fir-rigward tad-DRR u tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Hyogo, u se tippromwovi d-DRR billi żżid il-viżibbiltà tiegħu u turi l-benefiċċji li joħorġu minnu.

L-implimentazzjoni ta' Hyogo tinkludi wkoll sostenn għall-integrazzjoni aħjar tad-DRR: (a) fil-politiki tal-iżvilupp u dawk umanitarji u fl-ippjanar, (b) fir-reazzjoni għall-kriżijiet f'dak li għandu x'jaqsam mar-reazzjoni u l-irkupru, u (c) fi strateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp għandu jkollhom id-disponibbiltà ta' riżorsi biex jiġu meġħjuna f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, DRR effettiv jeħtieġ bażi istituzzjonali b'saħħitha, li tista' tissaħħaħ aktar permezz, pereżempju, ta' bini tal-kapaċità, governanza soda, promozzjoni ta' politiki u leġiżlazzjoni adegwati; iffaċilitar tal-informazzjoni; u mekkaniżmi effettivi ta' koordinazzjoni. Id-djalogu bejn id-diversi partijiet interessati għandu jkun formalizzat fi Pjattaformi Nazzjonali biex tkun ipprovduta l-gwida għall-politika u għall-koordinazzjoni tal-attivitàjiet. Huwa importanti wkoll li tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistema internazzjonali li taġixxi fuq impenji internazzjonali u li r-reazzjonijiet tad-donaturi tal-UE jiġu kkoordinati b'mod li jwassal għall-aħjar użu tal-għajnuna.

L-UE għandha:

- ▶ Tippromwovi l-inklużjoni tad-DRR fl-aġenda ta' laqgħat politiċi ta' livell għoli u tagħmlu parti mid-djalogu politiku regolari ma' pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp
- ▶ Tappoġġja l-integrazzjoni tad-DRR fil-politiki ta' żvilupp u fl-ippjanar tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, inklużi l-politiki settorjali rilevanti, l-istrateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima u kwistjonijiet transversali
- ▶ Tintegra d-DRR aħjar fil-politiki tal-UE, fl-istrateġiji ta' sostenn, fil-programmi u l-proġetti
- ▶ Tagħti sostenn għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika nazzjonali, oqfsa legali u istituzzjonali għad-DRR, inklużi Pjattaformi Nazzjonali u Reġjonali
- ▶ Tiżgura l-koordinazzjoni aktar mill-qrib għad-DRR fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija
- ▶ Tagħti sostenn lill-UN/ISDR bħala l-entità ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Hyogo

4.2. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, u l-monitoraġġ tar-riskji ta' diżastri – u t-tisħiħ tat-twissija bikrija

L-għarfien aħjar tal-perikli, partikolarment fil-kuntest tal-varjabbiltà u l-vulnerabbiltà dejjem jiżdiedu tal-klima jew iż-żieda enormi tal-kummerċ globali ta' annimali ħajjin u prodotti, jippermetti biex komunitajiet u pajjiżi jifhmu aħjar, jantiċipaw u jnaqqsu r-riskju ta' diżastri, u dan għandu jkun inkorporat fit-tfassil tal-politika.

In-nuqqasijiet analitiċi ta' bħalissa jwasslu għall-ħtieġa ta' titjib fl-identifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' anliżi tar-riskju, għall-promozzjoni ta' valutazzjoni integrata tal-vulnerabbiltà u l-kapaċità, l-aġġornament ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ tad-dejta u l-kapaċità ta' twissija bikrija (early warning - EW) affidabbli, u għall-promozzjoni ta' valutazzjoni konġunta tad-danni u l-ħtiġiet ta' wara d-diżastri (joint post damage and needs assessment - PDNA)¹⁹ sabiex jiġu żviluppati strateġiji u miżuri ta' DRR li jkunu adegwati għaċ-ċirkostanzi uniċi tal-persuni friskju u għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' rkupru. Il-bini ta' kapaċità u l-strumenti li jiżguraw li l-EW tkun sistema li tagħmel dak kollu possibbli għall-benefiċċju tal-aktar komunitajiet u persuni friskju se jkunu kruċjali f'dan il-proċess.

Elementi ewlenin biex dan in-nuqqas jissolva huma l-estensjoni tar-riċerka u tal-kapaċità statistika u t-tixrid tar-riżultati marbuta mad-DRR. L-UE għandha kapaċità ta' riċerka sinifikanti, inkluż is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u ċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka, li jappoġġja strumenti bħal Kopernikus li għandhom ikunu ta' kontribut u jikkomplimentaw l-isforzi tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp infushom. L-UE se tiżgura li jsiru l-konnessjonijiet xierqa ma' inizjattivi ta' tisħiħ tal-għarfien esplorati fil-kuntest tal-Komunikazzjoni dwar approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u ta' dawk ikkawżati mill-bniedem.

L-UE għandha:

- ▶ Tagħti sostenn għal aktar riċerka (xjentifika, teknoloġika u soċjoekonomika) u kapaċità ta' statistika fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp
- ▶ Tippetromwovi l-ħolqien ta' valutazzjoni nazzjonali tar-riskju li tkun tinkludi perikli differenti u l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien dwar ir-riskju
- ▶ Tippetromwovi PDNA konġunt mal-Bank Dinji u n-Nazzjonijiet Uniti bħala sostenn għal valutazzjoni nazzjonali għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' rkupru għall-kriżijiet tal-pajjiżi
- ▶ Tagħti sostenn għall-parteciċipazzjoni fil-valutazzjoni tar-riskju fuq il-livell komunitarju filwaqt li torbtu mal-valutazzjoni nazzjonali u reġjonali
- ▶ Tippetromwovi l-iskambju tal-aħjar prassi, ideat u esperjenza kemm bejn il-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp kif ukoll bejn pajjiżi żviluppati u dawk fil-fażi ta' żvilupp
- ▶ Tagħti sostenn għall-iżvilupp jew it-tisħiħ ta' sistemi ta' EW, inkluż EW b'enfasi fuq il-persuni, u l-bini tal-kapaċità b'rabta ma' dan

¹⁹ Pjattaforma komuni tal-NU/BD/KE għal azzjoni għal "Valutazzjonijiet ta' wara l-Kriżijiet u Ppjanar tal-Irkupru" f'xenarji ta' wara diżastri (PDNA).

4.3. L-użu tal-għarfien, l-innovazzjoni, u l-edukazzjoni biex titrawwem kultura ta' sikurezza u kapaċità ta' rkupru fil-livelli kollha

Id-diżastri jistgħu jitnaqqsu sostanzjalment jekk il-persuni jkunu mgħarrfa b'mod xieraq dwar ir-riskju li jistgħu jħabbtu wiċċhom miegħu u dwar l-alternattivi u l-miżuri possibbli li jistgħu jieħdu biex inaqqsu l-vulnerabbiltà u jħejju rwieħhom aħjar.

Is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar id-DRR tista' tissaħħaħ permezz tat-tixrid ta' informazzjoni dwar ir-riskju ta' diżastri lill-awtoritajiet rilevanti u l-popolazzjonijiet lokali sabiex ikunu jistgħu jitħarsu filwaqt li l-għajxien tagħhom ikun mgħammar b'aktar kapaċità ta' rkupru. Il-medja jista' jkollha rwol importanti. It-tfal, b'mod partikolari, jistgħu jsiru konxji mid-DRR billi materjal marbut mad-DRR ikun inkluż fl-edukazzjoni u attivitajiet ta' taħriġ kemm fil-livell formali, mhux formali kif ukoll f'dak informali u billi jingħataw aċċess għal informazzjoni dwar ir-riskju ta' diżastri u l-mezzi ta' protezzjoni.

Is-sostenn għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' assigurazzjoni msejsa fuq is-suq ukoll jista' tkun għodda għat-titjib tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku għar-riskju ta' diżastri u għandu jinċentiva l-imġiba li tnaqqas ir-riskju.

L-UE se:

- ▶ Tagħti sostenn għal kampanji u programmi ta' sensibilizzazzjoni
- ▶ Tagħti sostenn għall-inklużjoni tad-DRR fl-edukazzjoni u t-taħriġ
- ▶ Tgħin biex informazzjoni dwar id-DRR tkun disponibbli b'aktar faċilità, partikolarment għall-persuni f'żoni riskjużi ħafna
- ▶ Tagħti sostenn għall-iżvilupp jew it-tiżiħ ta' programmi ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri bbażati fil-komunitajiet, inkluż l-użu ta' mekkaniżmi ta' assigurazzjoni msejsa fuq is-suq

4.4. It-tnaqqis tal-fatturi ta' riskju sottostanti

Il-vulnerabbiltà għall-perikli tikber minħabba bosta fatturi: pereżempju l-faqar, l-ippjanar batut tal-użu tal-art u djar xejn sikuri, żieda rapida tal-popolazzjoni, densità dejjem tikber tal-popolazzjoni, governanza xejn soda, nuqqas ta' lqugħ finanzjarju, dgħufijiet tas-saħħa u diżabbiltà, ġestjoni inadegwata tar-riżorsi naturali, degradazzjoni ambjentali, inugwaljanzi bejn is-sessi, nuqqas ta' sigurtà b'rabta mal-ikel, żieda tat-tibdil fil-klima u l-fatt li llum aktar persuni qegħdin jgħixu f'żoni esposti.

L-UE se tagħti s-sostenn tagħha għar-rabta bejn id-DRR u dawn id-diversi kwistjonijiet sabiex l-ghajjnuna kollha tal-UE tkun aktar koerenti u toffri kapaċità ta' rkupru mid-diżastri filwaqt li tiegħu vantaġġ minn sinerġiji possibbli. B'mod partikolari, l-UE se tiżgura li jsiru l-konnessjonijiet xierqa mar-riżorsi naturali u l-programmi ambjentali, inkluż attivitajiet bħall-GCCA, id-dokument konġunt tal-KE-SEC dwar "It-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà Internazzjonali"²⁰ u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-klima u l-iżvilupp²¹. Il-konnessjoni bejn id-DRR u l-adattament għat-tibdil fil-klima tista' tagħti benefiċċji f'termini ta' nuqqas ta' duplikazzjoni ta' sforzi u istituzzjonijiet.

²⁰ (S113/08)

²¹ Id-dokument tal-Kunsill 15164/04.

L-UE għandha:

- ▶ Tagħti sostenn lill-integrazzjoni tad-DRR fi kwistjonijiet li jikkostitwixxu fattur sottostanti ta' riskju għad-diżastri
- ▶ Tesplora modi biex torbot id-DRR mal-għanijiet ta' adattament b'majiera aktar espliċita u armonjuża
- ▶ Tagħti sostenn għal programmi integrati jew proġetti li jindirizzaw id-DRR u kwistjonijiet multipli identifikati bħala żieda tal-fatturi ta' riskju (eż. DRR/adattament tal-klima/sigurtà tal-ikel)
- ▶ Tesplora kif finanzjament innovattiv jista' jkun mobilizzat għall-benefiċċju kekk tad-DRR kif ukoll tad-adattament

4.5. It-tisħiħ tat-tħejjija għad-diżastri għal reazzjoni effettiva fil-livelli kollha

It-tħejjija tista' tinvolvi għadd ta' tipi ta' attivitajiet, bħal ippjanar ta' kontinġenza, il-ħażna ta' tagħmir u provvisti, servizzi ta' emerġenza u arranġamenti ta' riżervi, komunikazzjonijiet, ġestjoni tal-informazzjoni u arranġamenti ta' koordinazzjoni, il-bini ta' kapaċitajiet f'komunitajiet li jinsabu f'riskju, taħriġ ta' persunal, eżerċizzji u provi fil-komunitajiet, u edukazzjoni pubblika.

L-attivitajiet ta' tħejjija huma marbuta wkoll mal-attivitajiet ta' reazzjoni u rkupru. F'dan is-sens dawn jipprovdu opportunità tajba għall-iżgurar tal-koerenza bejn attivitajiet ta' ġestjoni ta' diżastri, li ħafna drabi jaqgħu taħt ir-reponsabbiltà ta' organizzazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili, u għall-iżgurar tal-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-isferi umanitarji u ta' żvilupp, pereżempju permezz tal-iżvilupp jew iż-żieda tal-kapaċità nazzjonali li wara li jseħħu d-diżastri jsiru valutazzjonijiet dwar id-dannu u l-ħtiġiet u għat-tħejjija ta' pjanijiet għall-irkupru u r-rikostruzzjoni mill-perspettiva tad-DRR.

Il-pjanijiet effettivi ta' tħejjija u organizzazzjoni jgħinu wkoll biex jiġu indirizzati l-ħafna diżastri ta' daqs żgħir u medju li jseħħu aktar minn darba f'ħafna u ħafna komunitajiet. Is-sostenn biex il-komunitajiet ikunu jistgħu jgħinu lilhom infushom fl-eventwalità ta' diżastru u t-tħejjija finanzjarja għall-kapaċità ta' assorbiment tal-effetti ta' diżastru mingħajr problemi makroekonomiċi jew baġitarji żejda huwa kruċjali għat-tnaqqis sostenibbli tal-faqar. Il-gvernijiet jistgħu jipprovdu inċentivi/sostenn għall-promozzjoni tal-imġiba responsabbli tal-kumpaniji u partenarjati bejn is-settur pubbliku u privat, li huma partikolarment importanti għall-iżvilupp (vijabbli) ta' mekkaniżmi ta' assigurazzjoni kontra d-diżastri.

L-UE għandha:

- ▶ Tagħti sostenn għal programmi ta' tħejjija bbażati fil-komunitajiet
- ▶ Tagħti sostenn għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' tħejjija u kontinġenza li jikkunisdraw l-aktar valutazzjonijiet tar-riskju moderni
- ▶ Tippetwovi l-integrazzjoni tad-DRR fir-reazzjoni għad-diżastri u fil-proċessi ta' rkupru
- ▶ Tippetwovi mekkaniżmi biex jinqasam ir-riskju u ta' trasferimenti

5. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA

5.1. Prijoritajiet tal-implimentazzjoni

L-UE se tappoġġja l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija filwaqt li tagħmel użu mill-esperjenza vasta li għandha b'rabta mad-DRR. Madanakollu, ikun jagħmel sens jekk ma ddumx ma tinbeda ħidma fl-oqsma ta' hawn taħt fejn l-UE għandha vantaġġ kumparattiv:

- *Djalogu politiku dwar id-DRR.* L-UE se tnedi djalogu politiku dwar id-DRR mar-reġjuni u l-pajjiżi kollha fil-fażi ta' żvilupp f'fora eżistenti, inkluż fin-negozjati li għaddejjin dwar it-tibdil fil-klima dwar arranġament post-2012 tal-UNFCCC. Barra minn hekk l-UE se timmira biex ikollha preżenza koordinata fit-Tieni Pjattaforma għad-DRR f'Ġunju 2009.
- *Pjanijiet ta' Azzjoni Reġjonali dwar id-DRR.* L-UE se tagħti s-sostenn tagħha għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar id-DRR f'reġjuni fejn tendenzjalment iseħħu diżastri. Dawn jistgħu jiġu implimentati parzjalment permezz tat-tisħiħ ta' proġetti u programmi tal-UE li jirrigwardaw id-DRR, billi jkomplu jiġu żviluppanti l-istrateġiji u l-prijoritajiet tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Dawn jistgħu wkoll jikkumplementaw u jappoġġjaw inizzjattivi ta' adattament bħall-GCCA. Qed jingħata l-parir li l-punt ta' tluq ikun Pjan ta' Azzjoni għall-Karibew għas-sostenn, fost l-oħrajn, tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Komprensiva għall-Ġestjoni tad-Diżastri²². Oħrajn għandhom isegwu, eż. għall-Amerika Latina, għax-Xlokk tal-Asja, għall-Afrika u għall-Paċifiku.
- *L-integrazzjoni tad-DRR fil-politiki u l-ippjanar tal-UE u tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp u s-sostenn għal investiment nazzjonali kruċjali fid-DRR.* L-UE se tintegra d-DRR fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, fir-reazzjoni umanitarja u l-isforzi ta' rkupru tal-UE, filwaqt li jsir l-aħjar użu tal-aħjar prattiki u għodod ta' integrazzjoni żviluppanti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri individwali, inklużi dawk għall-ambjent u t-tibdil fil-klima u għall-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili. Il-Kummissjoni se tuża r-reviżjoni intermedja li jmiss tad-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi u r-reġjuni bħala punt fejn kunsierazzjonijiet ta' DRR ikunu integrati bis-sħiħ fl-għajjnuna tagħha għall-iżvilupp, fejn xieraq, fiċ-ċiklu ta' pprogrammar li jmiss li jibda fl-2012.
- Barra minn hekk l-UE se tappoġġja l-integrazzjoni tad-DRR fil-politiki u l-ippjanar nazzjonali tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, bl-inklużjoni tal-politiki u strateġiji settorjali relevanti, partikolarment Dokumenti ta' Strateġija dwar it-Tnaqqis tal-Faqar (Poverty Reduction Strategy Papers - PRSPs), setturi sensitivi għad-diżastri, u kwistjonijiet transversali relevanti. L-UE se tikkoordina s-sostenn tagħha għal investiment kruċjali ta' DRR li diġà ġie identifikat u pplanat f'oqfsa nazzjonali bħala dawn.

²²

Il-pajjiżi tal-Lvant tal-Karibew huma fost l-aktar 10 pajjiżi fid-dinja fejn tendenzjalment iseħħu diżastri. Barra minn hekk, Pjan ta' Azzjoni għall-Karibew għandu jkun marbut mill-qrib mal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Cariforum-UE dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija (05/08).

5.2. Il-kollaborazzjoni, il-kumplementarjetà u l-koordinazzjoni tal-UE

L-UE se timplimenta l-istrateġija fil-ispirtu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna u l-kodiċi ta' kondotta tal-UE dwar id-diviżjoni tax-xogħol: tibni fuq mekkaniżmi ta' koordinazzjoni attiva; jżied id-djalogu politiku fi ħdan l-UE dwar id-DRR fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp filwaqt li jingħata sostenn għall-appartenenza nazzjonali u lokali bil-għan li jingħelbu n-nuqqasijiet li jeżistu fid-DRR bħala element ta' żvilupp kif ukoll bħala kwistjoni umanitarja u ta' tibdil fil-klima; issir promozzjoni attiva qawwija għal koordinazzjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni nfushom bejn donaturi u gvernijiet b'enfasi partikolari fir-rigward ta' metodoloġiji tal-UE ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni.

Fil-livell ta' kwartieri ġenerali, l-UE se tikkoordina l-isforzi tagħha ma' proċessi ewlenija oħrajn ta' tfassil ta' politika, strumenti u programmi²³, kemm madwar l-UE u kif ukoll f'ħidma ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, donaturi li mhumiex mill-UE, NGOs internazzjonali u komunitarji, il-Federazzjoni tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, il-Bank Dinji, man-NU u mas-sistema ISDR.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi Grupp ta' Tmexxija (Steering Group - SG) tad-DRR fi ħdan l-UE, li jinkludi l-Kummissjoni u Stati Membri tal-UE, bil-għan li jsir progress fid-djalogu politiku dwar id-DRR, biex issegwi l-implimentazzjoni tal-istrateġija u biex trawwem il-koordinazzjoni u l-konverġenza tal-għajnuna tal-UE, L-SG se:

- FI-2009, jżviluppa Pjan ta' Implimentazzjoni biex jiċċara l-azzjonijiet prinċipali, ir-responsabbiltajiet l-istrumenti ewlenin u s-sekwenza tal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet elenkati fil-paragrafu 5.1. FI-2011, jirrevedi l-pjan sabiex jitwettaq progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-bqija tal-Istrateġija.
- Jippromwovi l-ħolqien ta' netwerks ta' DRR f'pajjiżi u reġjuni fejn tendenzjalment iseħħu diżastri għall-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza u għall-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' kollaborazzjoni u l-implimentazzjoni aħjar tal-Istrateġija.
- Jistabbilixxi forum għal konsultazzjoni u skambju regolari mas-soċjetà ċivili, l-NGOs u r-rappreżentanti nazzjonali u reġjonali.
- Jistabbilixxi qafas xieraq għall-monitoraġġ tal-progress u l-finanzjament, u titwettaq evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija.

5.3. Strumenti ta' finanzjament tal-UE²⁴

L-UE se timplimenta l-istrateġija billi tuża l-firxa sħiħa ta' strumenti ta' finanzjament għad-dispożizzjoni tagħha u fil-kuntest tal-mira tal-UE li żżid l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (Official Development Assistance - ODA) għal 0.56% tal-PGN sal-2010²⁵. Fil-fatt, bħalissa diversi Stati Membri u l-Kummissjoni²⁶ qegħdin iżidu l-finanzjament tad-DRR fi ħdan l-oqfsa finanzjarji eżistenti. Għalkemm din il-komunikazzjoni m'għandha l-ebda implikazzjoni

²³ Bħall-isforzi mmexxija mill-GFDRR tal-Bank Dinji u tal-UNDP għat-tnaqqis ta' diżastri u għall-adattament klimatiku tal-pajjiżi.

²⁴ Anness II.

²⁵ Mira li kienet ikkonfermata mill-ġdid f'Doha fl-2008.

²⁶ Impenji magħmula fl-2006: EUR 39.95 miljuni, u fl-2007: EUR 65.06 miljuni, minn riżorsi tad-Dipecho, mill-Qarn tal-Afrika u mill-EDF.

finanzjarja addizzjonali u l-azzjonijiet se jkunu ffinanzjati mill-qafas finanzjarju eżistenti għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013, hija tipprovdi qafas għall-iżgurar li l-istrumenti eżistenti huma kumplimentari u għandhom jintużaw bl-aħjar mod, inkluż il-konnessjoni msaħħa bejn il-fondi tad-DRR minn strumenti ta' żvilupp u strumenti umanitarji.

Fir-rigward tal-KE, l-għejjun ewlenin ta' finanzjament jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) u l-istrumenti tal-baġit ġenerali tal-KE²⁷. L-allokkazzjonijiet individwali tad-DRR huma stabbiliti fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u Reġjuni għar-reġjuni kollha fil-fażi ta' żvilupp, programmi intra-AKP, Tħejjija għal Nixfa u programmi tad-DIPECHO fil-kuntest tal-għajnuna umanitarja, u fi programmi tematiċi dwar is-sigurtà tal-ikel u r-riżorsi ambjentali/naturali. Pereżempju, saret proposta li jiġu allokati EUR 180 miljun għad-DRR taħt ir-riżorsi intra-AKP tal-Għaxar EDF.²⁸ Il-Kummissjoni se tesplora atrikolazzjoni integrata aħjar bejn dawn ta' hawn fuq. Is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka (FP7) u ċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni joffru ammont sostanzjali fricerka u strumenti relatati mal-perikli u d-diżastri.

Barra minn hekk l-UE se tesplora l-modi biex jiġu mobilizzati fondi innovattivi, li jkunu addizzjonali għall-ODA eżistenti, għall-benefiċċju kemm tad-DRR kif ukoll tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Mekkaniżmu Globali għall-Finanzjament tal-Klima, li bħalissa qed jiġi żviluppat mill-Kummissjoni, jista' jkun strument ta' dan ix-xorta.

²⁷ Strumenti għal: i) kooperazzjoni għall-iżvilupp, ii) għajnuna umanitarja, iii) stabbiltà, iv) Viċinat u Partenarjat Ewropej.

²⁸ Il-programm multiannwali intra-AKP li għandu jiġi adottat fi Frar tal-2009.